# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 25 ta'Ottubru 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Audrey Micallef)**
**vs**
**Kersten Vella**

**Kumpilazzjoni Numru: 187/2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Kersten Vella ta' 30 sena, iben Carmelo Vella u Concetta nee' Vella, imwieled Zabbar nhar it-30 ta' Novembru 1990 u residenti gewwa 41, Triq Alessandru VII, Zabbar u detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 0561590(M).

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Marzu 2021 gewwa Haz-Zabbar:-

1. Ghamel reat kontra l-persuna tal-genituri tieghu u cioe' Carmelo Vella u Concetta nee' Vella u kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari u dan bi ksur ta'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil genituri tieghu Carmelo Vella u lil Concetta nee' Vella u dan bi ksur ta'l-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Kersten Vella a beneficju tal-genituri tieghu Carmelo Vella u Concetta nee' Vella u l-familjari taghhom u dan fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Carmelo Vella u Concetta nee' Vella u l-familjari taghhom jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Kersten Vella b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi Kersten Vella sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba thassar jew tissospendi l-licenzja mahruga taht dan l-Att dwar l-armi u tipprojbixxi lil Kersten Vella ghal zmien li jidhrilha xieraq u dan kif mahsub f'l-artikolu 57 ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali

Ikkunsidrat

## Il-Provi

Illi l-ufficjal prosekutur **l-Ispettur Audrey Micallef**[1] spjegat li fit-23 ta' Marzu 2021 Connie Vella, omm l-imputat cemplet lill-pulizija minhabba xi incident li kien sehh fir-residenza taghha. Skond l-informazzjoni li nghatat lill-pulizija inqala argument bejn l-imputat u missieru u f'xi hin l-imputat kellu anke arma tan-nar f'idu u ried jmur ghal missieru b'dik l-arma. Il-pulizija tad-distrett

[1] Depozizzjoni a fol 76.

marru immedjatament fuq il-post fejn l-imputat gie arrestat; l-arma giet elevata. Min aktar informazzjoni li ngabret mill-pulizija jidher li l-imputat sabbat bieb, sar xi diskors bejn l-imputat u missieru, inkluz kliem offensiv da parti ta'l-imputat, li mbaghad tela' fuq fil-waqt li l-missier hareg barra. Waqt li l-imputat kien qieghed fuq, beda jsabbat u rega' niezel b'arma f'idejh u saqsa ghal missieru. L-omm ghalhekk qaghdet mal-bieb ta' barra biex l-imputat ma jirnexxielux johrog; hija bdiet tghid lil binha biex jippakja u jitlaq mid-dar biex jigi evitat inkwiet. Ix-xhud kompliet tispjega li l-arma li giet elevata kienet ta'l-ghamla Glock 35 b'zewg magazines wiehed vojt u l-iehor bi hmistax il-live round[2].

Illi **PS654 Elton Bondin**[3] kien wiehed mill-ewwel ufficjali li waslu fuq il-post ta'l-incident wara li sar r-rapport. Huwa spjega li meta waslu sab lil Carmelo Vella barra d-dar fil-waqt li Carmela Vella kienet gewwa fejn kien hemm ukoll l-imputat. Carmela Vella qalet lix-xhud li l-imputat kien hareg arma tan-nar u hareg ghal missieru. Il-genituri ta'l-imputat intbaghtu l-ghassa ta' Bormla fil-waqt li l-imputat ittiehed l-ghassa ta' Haz-Zabbar. Ftit wara x-xhud akkompja lill-imputat fir-residenza tieghu u ingabret l-arma minn safe fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tieghu. In kontroezami[4] x-xhud ikkonferma li l-arma ingabret mhux ma' l-ewwel intervent tal-pulizija imma wara li l-partijiet koncernati kienu ttiehdu l-ghassa tal-pulizija. Huwa ikkonferma li l-arma kienet go safe u li ma kienx hemm bzonn li ssir tfixxija ghaliex l-imputat tah l-arma mill-ewwel minn jeddu.

Illi **PS2223 Charlene Calleja**[5], stazzjonata fid-Domestic Violence Unit, spjegat kif PS654 kien cempel biex jinfurmahom b'l-incident in ezami. Il-genituri ta'l-imputat gew skortati id-depot tal-pulizija u x-xhud hadet il-verzjoni taghhom. Ziedet tispjega li l-argument jidher li beda ghaliex it-tifla ta'l-imputat[6] riedet tmur lura ghand ommha u wara li giet ommha ghaliha l-imputat, li kien irrabjat ghal dan il-fatt, sabbat il-bieb ta' barra, missieru qallu biex ma jaghmilx hekk u minn hemm eskla l-argument. In kontro-ezami ikkonfermat li d-dikjarazzjoni dwar rifjut tad-dritt ta' assistenza legali gie iffirmat fis-02.15hrs fid-depot tal-pulizija wara li l-imputat kien gie skortat minn Ha-Zabbar fejn kien sehh l-incident. Hija specifikat li f'dak l-istadju regghu tawh id-drittijiet tieghu ghalkemm PS654 kien diga infurmah bid-drittijiet tieghu meta arrestah meta kien ghadhom Haz-Zabbar. Ix-xhud innegat li hija qalet lill-imputat li ghalkemm ser taghtih id-dritt li jikkonsulat ma avukat ikun inutli ghaliex dak il-hin ma kien ser issib lil hadd.

---

[2] Din l-arma giet esebita bhala Dok AM1.
[3] Depozizzjoni a fol 106.
[4] Depozizzjoni a fol 110.
[5] Depozizzjoni a fol 83.
[6] Li ghandha xi hames snin; l-imputat u omm it-tifla ma jighixux flimkien.

Illi **PC575 Mark Tonna**[7] spjega li huwa kien akkompanja lill-ġenituri ta'l-imputat id-depot u li wara, flimkien ma' PS 654, ha hsieb l-arma elevata mill-pussess ta'l-imputat. Ix-xhud specifika li kkonferma s-serial number ta'l-arma u li sgariga l-istess arma li kellha *live rounds*. Kien ix-xhud li ghamel l-ircevuta ghall-arma, ghal munizjoni u l-carrying case taghha[8]. Dan kollu sar meta l-imputat kien qieghed il-lock up wara li gie arrestat minn PS654. Ix-xhud ikkonferma li l-arma kellha zewg magazines, u li wiehed minnhom kellu hmistax il-live round. L-istess xhud kien prezenti meta PS2223 kienet qed tkellem lill-genituri ta'l-imputat. Ix-xhud kompla jispjega li wara l-imputat ittella' mill-lockup u ittiehed quddiem PS2223, inghata d-drittijiet tieghu u sarulu xi mistoqsijiet. Ix-xhud spjega li l-imputat ammetta li kien ghamel xi ingurji fil-konfront ta' missieru u meta mistoqsi dwar il-magazine (ta' l-arma) qal li jzommu imsakkar fis-safe. In kontro-ezami x-xhud qal li sa fejn jaf hu l-arma ma gietx ezaminata ghal impronti u specifika li meta fetah il-carrying case il-magazine ma kienx fil-pistola.

Illi l-genituri ta'l-imputat: **Carmelo Vella** u **Connie Vella** tressqu bhala xhieda pero huma prevalixxew ruhhom mill-fakolta li ma jixhdux fil-konfront ta' binhom.

Illi **PC2180 Rebecca Farrugia**[9] u **PC2018 Silvana Cesare**[10] li kienu prezenti waqt ir-rilaxx ta' l-istqarrija ikkonfermaw il-volonterjeta ta' din l-istqarrija.

Illi esebiet in atti hemm ukoll **risk assessment**[11] li sar mill-haddiema socjali; minn dan id-dokument jirrizulta li l-haddiema socjali ma rriskontrawx xi riskju partikolari stante li stabilixxew ir-riskju ghall-vittmi bhala "*standard*"[12].

Illi **l-imputat** ma xedehx f'dawn il-proceduri pero rrilaxxja stqarrija[13] fil-prezenza tal-konsulent legali tieghu. Fiha ma wiegeb ghall-ebda domanda hlif ghal kjarifika li ghamel f'l-ahhar ta'l-istqarrija u cioe li l-arma qatt ma ntuzat. Spjega li xtraha fis-sena 2015 biex il-genituri tieghu ikollhom xi haga biex jipprotegu lilhom innfushom u dan peress li hu jaghmel hafna zmien imsiefer fuq xoghol.

Illi xehedet ukoll **Sharon Attard[14]** oht l-imputat. Hija kkonfermat li ma kenitx prezenti waqt l-incident mertu ta' dawn il-proceduri u l-involviment taghha kien kuntatt telefoniku ma' ommha waqt l-incident. Qalet li sa fejn taf hi f'l-ebda hin ma kien hemm konfrontazzjoni b'arma. Dan jikkontrasta xi ftit ma

[7] Depozizzjoni a fol 91.
[8] Din l-ircevuta (Dok KV6 a fol 15) hija iffirmata mill-imputat.
[9] Depozizzjoni a fol 79.
[10] Depozizzjoni a fol 81.
[11] Dok KV9 a fol 19.
[12] U dan kif oppost ghal medium jew high.
[13] Dok KV4 a fol 10.
[14] Depozizzjoni a fol 114.

dak li qalet ix-xhud lill-pulizija meta hadu l-verzjoni taghha. Dak in-nhar lill-pulizija hija qaltilhom li waqt li kienu fuq it-telephone ommha bdiet tibki u tolfoqu bdiet tghidilha li Kersten kien qed isemmi arma. Jidher li Attard inkwietat dwar is-sitwazzjoni li kienet qed tizvolgi fid-dar tal-genituri taghha tant, li dejjem skond rappurtat f'l-okkorrenza[15], hija cemplet lill-imputat fuq il-mobile phone tar-ragel taghha u qaltlu "*b'hajtek ghamel li trid imma l-genitru tmisshomx*" u bdew jargumentaw huma ukoll.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jigi addebietat bi tlett reati: 1) li jaghmel reat kontra l-persuna tal-genituri tieghu waqt li kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar; 2) li naqas li jhares il-kundizzjonijiet imposti f'licenzja mahruga taht il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; u 3) li insulenta, hedded jew ingurja lill-genituri tieghu.

Ikkunsidrat

## L-Ewwel u t-Tielet Imputazzjonijiet

Illi biex jirrizultaw dawn l-imputazzjonijiet l-ewwel irid jirrizulta li l-imputat ghamel xi reat kontra l-persuna tal-genituri tieghu (it-tielet imputazzjoni) u mbaghad irid jirrizulta li waqt il-kommissjoni ta' dan ir-reat l-imputat kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar (l-ewwel imputazzjoni).

Illi l-aktar xhieda importanti f'dan il-kaz, il-genituri ta'l-imputat, ghazlu li ma jixhdux. Dak li ddeponew il-pulizija dwar x'qalu l-konjugi Vella fil-kors ta' l-investigazzjoni fir-rigward ta' dak li gara f'l-incident ma'binhom ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni bhala l-ahjar prova ta' dak li qal u/jew dak li ghamel l-imputat ghaliex huwa biss hearsay evidence.

Illi l-imputat da parti tieghu gie mistoqsi dwar dak li kien gara darbtejn: darba minn PS2223 Charlene Calleja u PC575 Mark Tonna, u darba ohra mill-Ispettur Micallef meta ittiehdet l-istqarrija. Waqt l-istqarrija l-imputat ghazel li ma jirrispondi ghall-ebda domanda dwar l-incident; qabel u meta kien qed jigi mitkellem miz-zewg ufficjali fuq imsemmija l-imputat ghazel li jaghti xi dettalji dwar dak li kien gara. Din l-informazzjoni inghatat wara li l-imputat kien inghata d-dritt ta' assistenza legali ghalhekk dak kollu li qal l-imputat f'dak l-istadju jista' jintuza bhala prova fil-konfront tieghu. Minkejja dan fid-depozizzjoni taghha PS2223 naqset li tghid x'qal l-imputat meta kienet qed tiehu l-verzjoni tieghu. U fid-depozizzjoni tieghu PC575 jghid biss[16] li l-imputat ammetta li ghamel xi ingurji fil-konfront tal-genituri tieghu.

[15] Dok KV10 a fol 28 (parti relevanti a fol 33).
[16] Fir-rigward tal-verzjoni tal-fatti mghotija mill-imputat.

Illi minn dak li jirrapporta PC575 dwar dak li qal l-imputat, ma jistax jigi stabbilit f'fliema stadju ta' l-incident saru dawn "l-ingurji", u b'mod partikolari jekk f'l-ewwel stadju u cioe meta missieru kien ghadu fid-dar jew jekk wara, u cioe meta l-missier kien hareg mid-dar u l-imputat tela' jgib l-arma. Minn dak li jghid PC575 lanqas ma jista' jigi definittivament stabbilit jekk dak li ammetta ghalih l-imputat kien fil-fatt jaqa' fid-definizzjoni legali ta' "ingurji". Biex dan seta' jigi stabbilit ix-xhud kellu jirrepeti il-kliem jew atti ammessi mill-imputat, mbaghad kien jispetta lill-Qorti biex tistabbilixxi jekk dan jaqa' fil-parametri tar-reati addebietati lill-imputat.

Illi aktar minn hekk u dwar l-arma tan-nar, dak li jirrizulta mill-provi processwali huwa li l-imputat kellu arma tan-nar fis-safe fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tieghu. Mill-pulizija li xehedu fil-kors ta' dawn il-proceduri wiehed biss kien mar fuq il-post ta'l-incident: PS654 Elton Bondin. Fid-depozizzjoni tieghu hu ma jghidx li meta marru fuq il-post l-imputat kellu arma f'idejh, jirrakkonta biss dak li qalet omm l-imputat. Aktar minn hekk f'l-ebda parti tad-depozizzjoni tieghu ma jghid li ra xi arma meta dahlu fid-dar ta'l-imputat, u dan sia f'idejn l-imputat jew x'imkien iehor. Jidher li seta' ra l-arma meta eventwalment akkompanja lill-imputat id-dar propju biex tigi elevata din l-arma.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi u fin-nuqqas tad-depozizzjoni tal-genituri tal-imputat, ma jistax jinghad li hemm prova fil-grad rikjest mill-Ligi in sostenn ta'l-imputazzjonijiet issa in ezami.

Ikkunsidrat

## It-Tieni Imputazzjoni

Illi jibda biex jinghad li permezz ta' din it-tieni imputazzjoni l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat zamm l-arma tan-nar u l-munizzjoni f'l-istess post. Il-prosekuzzjoni tikkontendi li kull minn ghandu licenzja biex izomm arma u munizzjon huwa obbligat li jzomm dik l-arma u l-munizzjon separati minn xulxin u dan skond ma jipprovdi l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-fatt l-artikolu 5(3)(a) tal-Kapitolu 480 jiddisponi li licenzja ghaz-zamma ta' arma *tingħata biss bil-kondizzjoni li l-armi tan-nar u munizzjon approvati jinżammu maqfulin b'mod sigur u separat f'dak il-fond u li dawk l-armi tan-nar jinżammu skargati.*

Illi mbaghad ai termini ta' l-artikolu 52 tal-Kapitolu 480 *detentur ta' liċenzja taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li jonqos milli jħares il-pattijiet tal-liċenzja ... ... ikun ħati ta' reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dawk l-artikoli.*

Illi ghal kull bon fini jigi specifikat li ghalkemm fic-citazzjoni l-prosekuzzjoni irreferit ghall-artikolu 27(1) tal-Kapitolu 480 huwa car li l-indikazzjoni ta' dak l-artikolu hija sempliciment intiza biex tirreferi ghall-fatt li l-imputat huwa pussessur ta' licenzja mahruga taht il-Kapitolu 480. Fil-fatt mit-tieni imputazzjoni huwa car li r-reat li dak li qed jigi addebietat bih l-imputat huwa l-fatt li naqas li jhares il-kundizzjonijiet tal-licenza (reat prospettat f'l-artikolu 52) u dan peress li, bhal kull persuna ohra li tinhargilha licenzja biex izomm arma u munizzjoni, huwa kien marbut bil-kundizzjoni li ma jzommx dik l-arma u munizzjon f'l-istess post (u dan skond is-subartikolu (3) ta'l-artikolu 5).

Illi ghalhekk minkejja s-sottomissjoni ta'l-imputat li mhux car liema reat qed jigi addebietat bih permezz tat-tieni imputazzjoni l-Qorti hija sodisfatta li mic-citazzjoni jemergi car liema huwa r-reat.

Ikkunsidrat

Illi jidher li l-prosekuzzjoni qed tibbaza din it-tieni imputazzjoni fuq il-fatt li meta giet elevata l-arma mir-residenza ta'l-imputat u ittiehdet id-depot, din kienet f'carrying case li fih kien hemm mhux biss l-arma imma anke zewg magazines u f'wiehed minnhom kien hemm hmistax il-live round.

Illi pero din mhiex prova sufficjenti in sostenn ta'l-imputazzjoni in ezami ghaliex biex tissussisti din imputazzjoni dak li jrid jigi pruvat hu li fil-lejl in ezami (ic-citazzjoni tirreferi ghat-28 ta' Marzu 2021), fir-residenza tieghu, l-imputat ma zammx l-arma u l-munizzjoni maqfulin f' post separat. Il-fatt li l-arma u l-munizzjon waslu d-depot f'l-istess carrying case mhux prova li fir-residenza ta'l-imputat dik l-arma u dak il-munizzjoni kienu mizmumin f'l-istess post.

Illi kif gustament osserva d-difensur ta'l-imputat waqt is-sottomissjonijiet minnu maghmula, l-unika persuna li seta' jitfa dawl fuq dan il-fatt kien PS654 Elton Bondin; dan ghaliex huwa kien l-unika ufficjal tal-pulizija li dahal fir-residenza ta'l-imputat u li xehed quddiem din il-Qorti[17].

Illi mid-depozizzjoni ta' PS 654 jirrizulta li huwa mar fir-residenza ta'l-imputat drabtejn: l-ewwel darba meta biex jirrispondu ghar-rapport li kien sar u t-tieni darba meta mar ma'l-imputat propju biex tigi elevata l-arma. L-ewwel darba l-pulizija kienet aktar impenjata biex tassigura li l-incident li kien gie rappurtat lilhom ma jeskalax u biex jiehdu lill-partijiet koncernati l-ghassa biex tkun tista' tissokta l-investigazzjoni; dak il-hin l-arma ma kenitx f'idejn l-imputat u ma jirrizultax li l-pulizija raw l-arma. Eventwalment gie deciz li l-arma li kellu l-imputat kellha tigi elevata; ghal dan il-ghan PS654 u l-imputat marru fir-

[17] Il-genituri ta'l-imputat ma xehedux u oht l-imputat, Sharon Attard, ma semmiet xejn fid-depozizzjoni taghha dwar fejn kienu jinzammu l-arma u l-munizzjon.

residenza ta'l-imputat. Mid-depozizzjoni ta' PS654 jirrizulta li hu ma ghamilx tfixxija fir-residenza ta' l-imputat biex isib l-arma imma kien l-imputat li "gablu" l-arma u l-munizzjoni[18]. F'l-ewwel depozizzjoni tieghu jghid: *ergajt mort ma' Kersten Vella id-dar fejn minn hemmhekk ingabret l-arma tan-nar minn go s-safe li kienet fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tieghu.*[19] In kontro-ezami jghid mistoqsi jekk kien l-imputat li tah l-arma PS 654 jghid: *gie ordnat li tigi konfiskata l-arma, Kersten Vella gie maghna u tana l-arma minn jeddu*[20]. Aktar 'l quddiem jerga jirrepeti l-imputat: *gie mieghi u tahieli minn jeddu*[21]. In kontro-ezami jerga jghid li l-arma kienet fis-safe. Zied jghid ukoll li m'ghamilx search u dan ghaliex ma kienx hemm bzonn ghax l-imputat tah l-arma mill-ewwel minn jeddu.

Illi pero ma jirrizultax li PS654 dahal fil-kamra tas-sodda ta'l-imputat meta dan mar igib l-arma u wisq anqas jirrizulta li PS654 ra l-arma u/jew il-munizzjoni fis-safe. Huwa jghid biss li l-imputat gablu l-arma minghajr ma jaghti aktar dettal; din l-asserzjoni wahedha ma tissodifax l-oneru li jinkombi fuq il-prosekuzzjoni u cioe dak 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-munizzjoni kienu fis-safe ma'l-arma. Fil-fatt PS 654 f'l-ebda hin ma jsemmi l-munizzjoni jew il-carrying case u minn fejn ingiebu; jirreferi biss ghall-arma u li tahielu l-imputat minn jeddu. F'l-ebda hin ma jispecifika jekk meta l-imputat tah l-arma diga kienet fil-carrying case flimkien mal-munizzjoni, jew jekk tpoggewx fil-carrying case fil-prezenza tieghu.

Illi konsegwentment lanqas din it-tieni imputazzjoni ma tista' tirrizulta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**

---

[18] Fil-verita PS654 f'l-ebda hin ma jsemmi l-munizzjon.
[19] Fol 107.
[20] Fol 111.
[21] Fol 112.